

# Il-Kwadru Titulari tal-Knisja tal-Assunta ta' Ħal Għaxaq

**Minn Mario FENECH**

Il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija ta' Ħal-Għaxaq hija waħda minn dawk il-knejjes li fiha nsibu għadd sabiħ ta' kwadri li saru minn artisti magħrufa sew f'dan il-qasam ta' opri sagri. Fost l-oħrajn hemm kwadri li saru mill-artisti Rocco Buhagiar, Francesco Zahra, Tusè Busuttil, Ġanni Vella, Emvin Cremona u Gio Nicola Buhagiar, li għamel il-kwadru titulari ta' fuq l-artal tal-kor.



Dan ix-xogħol kien sar wara li ġiet iddekorata bi skultura sabiħa d-daħla tal-kor tal-knisja fis-sena 1745. Kien il-benefattur Dun Filippu Zammit li ħa ħsieb li jsir dan ix-xogħol u ħareġ il-flus biex tħallas l-artist Buhagiar.

Fil-kwadru, li għandu tiżwieqa ta' kuluri mirquma b'ħila kbira, naraw il-figura tal-Assunta mgħollija 'l fuq, fuq is-sħab abjad, minn grupp ta' anġli kbar u puttini.

Fil-parti ta' fuq tat-tila naraw lit-Trinità Qaddisa bil-Missier Etern qiegħed jilqa' fis-sema lil Omm Ibnu bil-ħamiema - simbolu tal-Ispirtu s-Santu mal-ġenb tiegħu. Naraw lil Ġesù nofsu għeri biex ifakkarna fil-passjoni u l-mewt tiegħu fuq din l-art qiegħed iħares l-isfel lejn Ommu Marija riesqa lejn is-sema.

L-artist, meta pinġa l-figura tal-Madonna, għamel użu minn żewġ kuluri tassew sbieħ: l-aħmar għal-libsa u l-ikħal għall-mant tagħha.

Fil-parti t'isfel tal-kwadru madwar qabar vojt u bl-għatu tiegħu maqlub mal-ġenb tiegħu, numru ta' Appostli flimkien ma' żewġ nisa twajba qegħdin jaraw dak li kien qiegħed iseħħ quddiem għajnejhom.

In-nisa mistgħaġbin iħarsu lejn il-liżar nofsu ħiereġ mill-qabar, filwaqt li l-Appostli jidhru ħosbiena u fl-istess ħin f'waqt ta' talb u devozzjoni.

F'kull rokna ta' din it-tila l-artist pinġa moviment sħiħ ta' figuri li xi kultant fi kwatri oħrajn narawhom xi ftit statiċi. Meta għamel dan l-artist xorta waħda ma naqqas xejn mis-suġġett prinċipali tax-xena, dak tal-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Maż-żmien il-poplu tar-raħal ta' Ħal-Għaxaq ried juri bl-aħjar mod l-imħabba tiegħu lejn il-Patruna tar-raħal, għalhekk tpoġġiet kuruna tad-deheb fuq ras il-Madonna. B'hekk din l-opra artistika ġiet kompluta.

Wara kollox, x'jixirqilha aħjar dik li ġabet fid-dinja lill-Feddej tal-ġnus mingħajr l-ewwel tebgħa u li ġiet mtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem u nkurunata mill-kori kollha tal-anġli?

Il-festa t-tajba lil kulħadd.